Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,486, 12 ta' Awwissu, 2025
Taqsima B

A.L. 177 tal-2025

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regoli tal-2025 dwar id-Determinazzjoni ta' Penali Addizzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22A tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-artikolu 58 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u l-artikolu 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel ir-regoli li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2025 dwar id-Determinazzjoni ta' Penali Addizzjonali. Titolu u għan.

(2) L-għan ta' dawn ir-regoli huwa li jiġi stabbilit il-mod li bih għandha tiġi stabbilita l-penali addizzjonali għall-finijiet tal-artikolu 68 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-artikolu 52A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u l-artikolu 84A tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Kap. 364. Kap. 372. Kap. 406.

2. (1) F'dawn ir-regoli, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"ftehim" tfisser il-ftehim provdut fl-artikolu 68 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-artikolu 52A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u l-artikolu 84A tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud; Kap. 364. Kap. 372. Kap. 406.

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana;

"penali addizzjonali" tfisser il-penali addizzjonali stabbilita fl-artikolu 68 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-artikolu 52A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u l-artikolu 84A tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud; Kap. 364. Kap. 372. Kap. 406.

Verżjoni Elettronika

Kap. 364.
Kap. 372.
Kap. 406.

"reat" tfisser kwalunkwe ksur jew ksur konness kif imfisser fl-artikolu 68 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-artikolu 52A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u l-artikolu 84A tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

"taxxa" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Atti dwar it-Taxxi;

Kap. 364.

"taxxa fuq dokumenti u trasferimenti" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti;

Kap. 406.

"taxxa fuq il-valur miżjud" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

"taxxa perikolata" tfisser id-differenza bejn it-taxxa dikjarata bħala taxxabbli minn min iħallas it-taxxa wara li jitqiesu kwalunkwe eżenzjoni, ħelsien, allowance jew krediti li jista' jkollu jedd għalihom u t-taxxa li għandha titħallas wara li jitqies dan kollu, iżda tali differenza ma għandhiex tinkludi kwalunkwe taxxa jew imgħax addizzjonali.

Kap. 364.
Kap. 372.
Kap. 406.

(2) Sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra, il-kliem u l-frażijiet l-oħra kollha użati f'dawn ir-regoli li ma humiex imfissra hawnhekk, għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fl-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u fl-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, rispettivament.

Determinazzjoni ta' penali addizzjonali.

3. (1) Il-penali addizzjonali għandha tiġi kkalkulata fuq l-ammont totali ta' taxxa fuq dokumenti jew trasferimenti, it-taxxa fuq l-income, it-taxxa dwar il-*Final Settlement System* u t-taxxa fuq il-valur miżjud, li jirriżultaw bħala dovuti fir-rigward tar-reat li għalih jirreferi l-ftehim.

(2) Il-penali addizzjonali ma għandhiex tkun inqas minn għaxart elef euro (€10,000) iżda mhux aktar minn miljun euro (€1,000,000) skont rata progressiva kif indikat fl-Iskeda.

Metodu ta' ħlas ta' penali addizzjonali, taxxa addizzjonali u imgħax.

4. (1) Il-penali addizzjonali għandha titħallas minnufih mal-iffirmar tal-ftehim jew bin-nifs fuq perjodu ta' żmien, kif jista' jiġi determinat mill-Kummissarju.

(2) Fejn l-ammont għandu jitħallas bin-nifs, l-ewwel pagament għandu jammonta għal mhux inqas minn għaxra fil-mija (10%) tal-penali addizzjonali li għandha titħallas mal-iffirmar tal-ftehim. Id-debitur għandu jkun obbligat li jipprovdi garanzija għas-sodisfazzjon

Verżjoni Elettronika

tal-Kummissarju li tkopri l-ħlas tal-ammont tal-penali addizzjonali li jkun għadu pendenti fiż-żmien tal-ftehim.

(3) Fejn id-debitur jonqos minn xi wieħed jew aktar mill-pagamenti bin-nifs dwar it-taxxa dovuta, it-taxxa addizzjonali, l-imgħax u l-penali addizzjonali, il-Kummissarju għandu jkun intitolat li jirkupra l-bilanċ pendenti kollu li għandu jsir dovut minnufih u pagabbli bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv miksub mal-iffirmar tal-ftehim.

SKEDA
(regola 3)

Taxxa perikolata (€)	**Taxxa perikolata (€)**	**Rata progressiva (%)**
	Sa 1,500,000	15.0
1,500,001	2,500,000	20.0
2,500,001	4,000,000 u aktar	25.0

Kull rata tapplika biss għall-porzjon tal-ammont li jaqa' fil-grupp rispettiv tiegħu

---